30 ta' Ottubru, 1951.

Imħallef :

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Peter Olivieri *versus* George Schembri et.

**Liċenza — Kummissarju tal-Pulizija — Ġirien — Molestja — Kompetenza.**

*L-għoti tal-liċenzi mill-Kummissarju tal-Pulizija huwa sindakabili mill-Qorti jekk jirriżulta li hemm leżjoni tad-drittijiet ta' ħadd ieħor.*

*Il-proprjetarju għandu dritt li juża liberament mill-proprjetà tiegħu, avvolja b'dagshekk il-viċin tiegħu jiġi privat minn xi vantaġġ; u konsegwentement dan id-dritt tal-proprjetà jista' jiġi koartat biss meta lill-viċin tiġi arrekata molestja ta' xorta gravi.*

*Fil-konsiderazzjoni tal-gravità tal-molestja l-Qorti ma għandhiex tieħu in konsiderazzjoni ċ-ċirkustanza li l-att tal-viċin ikun jikkaġuna xi telf ta' profitt lill-viċin l-ieħor.*

*L-eċċezzjoni ta' l-insindakabilità ta' l-att tal-għoti tal-liċenzi mill-Qorti tammonta għal eċċezzjoni ta' l-inkompetenza tal-Qorti, u għalhekk dik l-eċċezzjoni għandha tiġi deċiża b'kap separat.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-attur ippremetta li hu l-proprjetarju tat-Teatru "Belle Isle", Birżebbuġa, u hu jattivah, prinċipalment bħala ċinematografu (talkies), sa mis-sena 1946; illi l-konvenut Schembri, f'dan l-aħħar żmien, bena post xi għoxrin jarda bogħod mill-fond ta' l-attur, u skond informazzjonijiet attendibili sejjer jużah anki bħala ċinematografu, u għalhekk, minħabba dik id-distanza żgħira, sejjer inevitabilment ifixkel l-eżerċizzju tajjeb u regolari taċ-ċinematografu ta' l-attur; u li, non ostanti l-protesti ta' l-attur, il-konvenut Ullo nomine bi ħsiebu jagħti, jekk

mhux ġà ta, l-il-konvenut Schembri permess biex juża l-imsemmi fond bħala ċinematografu ; u talab li, premessa d-dikjarazzjoni li l-konċessjoni ta' dak il-permess hija u sejra tkun ta' ħsara lill-attur u tfixkel fl-eżerċizzju tajjeb u regolari taċ-ċinematografu tiegħu, u wara li jingħataw id-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti kollha meħtieġa, (1) jiġi dikjarat u deċiż li, minħabba l-imsemmija ħsara lill-attur, dak il-permess ma jistax jiġi legalment mogħti, u, jekk ġà nħareġ, dan huwa inattendibili u illegali, u (2) il-konvenut Schembri jiġi inibit milli jagħmel użu mill-imsemmi fond tiegħu bħala ċinematografu, taħt il-komminazzjonijiet kollha tal-liġi. B'riżerva ta' drittijiet oħra u bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-protesti tat-22 ta' Novembru u 21 ta' Diċembru 1950, kontra l-konvenuti interpellati għas-subizzjoni ;

Trattata l-kawża, ikkunsidrat ;

Id-domandi ma jistgħux jiġu respinti senz'altro għar-raġuni rilevata miż-żewġ konvenuti dwar l-insindakabilità tad-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija dwar l-għoti tal-liċenzi ; għaliex hu paċifiku ormaj fil-ġurisprudenza Maltija illi dak l-għoti hu sindakabili jekk jirriżulta li hemm il-leżjoni tad-drittijiet ta' ħadd ieħor (App. "Micallef vs. Bonello et." 31 ta' Mejju 1943, Vol. XXXI—I—635) ;

Għalhekk il-Qorti ikkostitwiet perizja teknika biex tivverifika jekk hemmx dan il-preġudizzju (ara digriet fol. 16) ;

Hu anki stabbilit fil-ġurisprudenza ta' dawn il-Qrati, fuq l-awtorità ta' deċiżjonijiet ta' tribunali kontinentali u ta' skritturi gravi, illi, peress li l-liġi ma tistax ma tirrikonoxxix lill-proprjetarju li juża liberament mill-proprjetà tiegħu, avvolja b'daqshekk il-viċin jiġi privat minn xi vantaġġ, konsegwentement dan id-dritt tal-proprjetarju jista' jiġi koartat biss meta lill-viċin tiġi arrekata molestja ta' xorta gravi (ara P.A. "Bugeja vs. Washington", 14 ta' Ottubru 1896, sedenti l-Imħallef Dr. Giovanni Pullicino, konfermata fl-Appell fil-5 ta' Mejju 1897 ; u Appell "Meli vs. Calleja", 5 ta' Frar 1908, Pres. Sir Joseph Carbone u Imħallef Baruni Chapelle u Dr. Gni. Pullicino). "L'incomodo", igħid il-Giorgi, "deve essere eccessivo". Termini ekwipollenti jiġu wżati fil-ġurisprudenza Ingliża, fejn jingħad illi "where the nuisance complained of consists in injury to property, plaintiff must show that the

damage is of appreciable magnitude............." Frażi oħra wżata mill-Qrati Ingliżi hija "sensible discomfort and annoyance" (ara Outline of the Law of Contracts and Torts, Wilshere & Robb, 1928 edit., p. 77). Ċertament, fil-qies ta' din il-pretiża molestja, jew ta' dan il-preġudizzju, il-Qorti ma għandhiex tieħu in konsiderazzjoni l-fatt li bl-impjant taċ-ċinematografu tal-konvenut, l-attur sejjer ibati xi telf ta' profitti minħabba konkorrenza. "An action upon the case does not lie upon a thing done to the inconvenience of another, as if a man erect a mill near to the mill of another, whereby the other loses part of his profit" (ara Leading Cases on the Law of Torts, Ball, page 407);

Issa, miż-żewġ relazzjonijiet akkurati tat-tekniku adoperat mill-Qorti (ara anki xhieda tiegħu fol. 94) jirriżulta illi ma hemmx affattu dan il-preġudizzju "gravi" li jista jagħti xi "locus standi" lill-attur f'din il-kawża. Partikolarment illuminanti kien ir-riżultat ta' l-aċċess magħmul mill-perit għallgħarrieda fit-8 ta' Awissu 1951, meta l-kontendenti wieħed jew l-ieħor ma setax jagħmel xi ħaġa biex jarkitetta riżultat favur tiegħu. Għalhekk, fil-kondizzjonijiet ta' fatti verifikati mill-perizja, dan il-preġudizzju ma jeżistix. Anki kieku kien hemm inkomodu żgħir (li lanqas jidher li hemm), dan ma kienx jiġġustifika l-istanza; għax, kif sewwa ntqal fil-ġurisprudenza Ingliża, "persons must not stand on extreme rights and bring actions in respect of every matter of annoyance, for that would be destructive to business............" (Scott vs. Firth, 10, L.T. (N.S.) 240; Stockport Waterworks Co. vs. Potter, 31, L.T. Ex. 9);

L-eċċezzjoni ta' l-insindakabilità tammonta prattikament għal eċċezzjoni ta' inkompetenza tat-tribunali ordinarji "in subjecta materia", u kwindi għandha tiġi deċiża b'kap separat;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Il-Qorti tiddeċidi;

Billi tirrespingi dik l-eċċezzjoni, bl-ispejjeż ta' dan il-kap kontra ż-żewġ konvenuti;

Billi, fil-meritu, tiċħad it-talbiet; bl-ispejjeż kontra l-attur